MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

# AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITA` TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Marzu 2026

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qed toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tinforma lill-pubbliku li l-kumpanija:

## Colin Pavia

l-operatur ta' Colshar Garage, Fgura, naqas milli josserva sitt deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur, minkejja diversi tentattivi li saru sabiex tinkiseb il-konformità magħhom. Id-deċiżjonijiet kollha msemmija jirrigwardaw servizzi ta' trasport skolastiku li n-negozjant naqas milli jipprovdi.

Fl-ewwel deċiżjoni, in-negozjant ġie ordnat iħallas lura lill-konsumatur is-somma ta' mitejn u ħamsa u għoxrin ewro (€225)

Fit-tieni deċiżjoni, in-negozjant ġie ordnat iħallas is-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250).

Fit-tielet deċiżjoni, in-negozjant ġie ordnat iħallas is-somma ta' tlett mitt ewro (€300).

Fir-raba' deċiżjoni, in-negozjant ġie ordnat iħallas is-somma ta' ħames mitt ewro (€500).

F'żewġ każijiet oħra, in-negozjant ġie ordnat iħallas is-somma ta' mitejn ewro (€200) lil kull wieħed mill-pretendenti rispettivi.

Fid-deċiżjonijiet kollha msemmija hawn fuq, in-negozjant intimat ġie ordnat ukoll iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri.

Dan l-Avviż Pubbliku qed jinħareġ fl-interess tal-ħarsien tal-konsumaturi u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni oħra li tista' tittieħed skont il-liġi. Dan l-avviż ma jikkostitwixxix deċiżjoni dwar kwalunkwe kwistjoni oħra lil hinn minn dak stabbilit fid-deċiżjonijiet tat-Tribunal imsemmija hawn fuq.

Grace Stivala
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)